# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 11 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru: 293/2015 CSH**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijeit tal-assikurat taghha Joseph Paul Calleja**

**vs**

**Dustin Caruana**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef, seba' mija u hamsa u sebghin Ewro u tlettax-il centezmu (€5,775.13) rapprezentanti d-danni li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha Joseph Paul Calleja, ghal liema hlas l-imsemmija socjeta' attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha sija bil-polza u sija bil-ligi, u dan wara illi saret hsara volontarja u doluza mill-konvenut Dustin Caruana meta nsterqet il-vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni

LAU100, proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici Joseph Paul Calleja fis-6 ta' Novembru 2014 mill-fond 55, "Midas Court", Triq Pace, Tas-Sliema (Dok. A) fejn, permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri / Spettur Jonathan Ransley) vs Dustin Caruana" il-konvenut, fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati tal-akkuzi kif dedotti kif ukoll ghad-danni arrekati lill-assikurat tas-socjeta' attrici (Dok. B).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-21 ta' Lulju 2015 u bl-imghax legali b'effett mill-21 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Carmel Gauci datata 19 ta' Ottubrru 2015 (fol. 9 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-28 ta' Ottubru 2015.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2015 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, seba' mija u hamsa u sebghin Ewro u tlettax-il centezmu (€5,775.13) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-21 ta' Lulju 2015 u bl-imghax legali mill-21 ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**